VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,078, 23 ta' April, 2013
Taqsima B

A.L. 128 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

STATUT GĦAĊ-ĊENTRU TAL-PROFIĊJENZA FIL-LINGWA INGLIŻA

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 72(h), 75(2) u 77(c) ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut għaċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża.

Interpretazzjoni

2. F'dan l-Istatut, kemm-il darba r-rabta ta' kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"il-Bord" ifisser il-Bord taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża;

"iċ-Ċentru" ifisser iċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa tal-Ingliża.

It-Twaqqif taċ-Ċentru

3. B'dan qiegħed jitwaqqaf iċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża bħala istituzzjoni fi ħdan l-Università ta' Malta, li jopera b'sinerġija mad-Dipartiment tal-Ingliż.

L-Għanijiet u l-funzjonijiet taċ-Ċentru

4. Iċ-Ċentru għandu dawn l-iskopijiet:

(a) li jappoġġa u jippromwovi l-profiċjenza fl-Ingliż fost l-istudenti universitarji billi jfassal u joffri korsijiet u tagħlim adattati f'livell ta' *pre-tertiary,* ta' rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad u rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad;

(b) li jżomm kuntatt, kif u fejn xieraq, mad-Dipartimenti, Fakultajiet, Ċentri u Istituti tal-Università ta' Malta dwar kwistjonijiet li jistgħu ikollhom effett fuq il-profiċjenza fil-lingwa Ingliża tal-istudenti Universitarji;

(ċ) li jevalwaw il-livell tal-istudenti fil-profiċjenza fil-lingwa Ingliża bil-għan li jiġu offruti servizzi ta' appoġġ effettivi, sakemm dan ma jinkludix valutazzjoni għal skopijiet għad-dħul ta' studenti f'korsijiet universitarji;

(d) li jassisti, kif u fejn xieraq, fl-implimentazzjoni tal-politika tal-lingwa u tar-riżultati fil-politika tal-lingwa fi ħdan l-Università u f'kuntesti aktar wiesa';

(e) li jiżviluppa u jagħti lill-Università kif ukoll lill-istituzzjonijiet mhux universitarji servizzi professjonali relatati u proporzjonati mal-impenn taċ-Ċentru biex imexxi 'l quddiem il-Profiċjenza tal-Lingwa Ingliża;

(f) riċerka dwar il-Profiċjenza tal-Lingwa Ingliża f'bosta livelli u fl-aspetti differenti u kuntesti tagħha;

(g) li jżomm kuntatt, kif u fejn xieraq, ma' istituzzjonijiet mhux universitarji dwar kwistjonijiet li jistgħu jkollhom effett fuq l-Profiċjenza tal-Lingwa Ingliża fi ħdan kuntesti edukattivi, professjonali u nazzjonali aktar wiesa';

(h) li joħorġu ppubblikazzjonijiet u rapporti dwar il-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża f'Malta; u

(i) li jlaqqa' simpożja nazzjonali u internazzjonali u laqgħat simili dwar kwistjonijiet ta' interest għaċ-Ċentru.

L-Awtorità

5. Iċ-Ċentru jitmexxa minn Bord li jkun magħmul kif ġej:

(i) *Chairman*: il-Kap tad-Dipartiment tal-Ingliż bħala d-delegat tar-Rettur;
(ii) Viċi-*Chairman*: Id-Direttur taċ-Ċentru;
(iii) persuna maħtura mill-Kunsill tal-Università;
(iv) persuna maħtura mis-Senat tal-Università;
(v) mhux aktar minn żewġ rappreżentanti tal-istaff akkademiku li jgħallmu fiċ-Ċentru;
(vi) mhux aktar minn żewġ rappreżentanti tal-istudenti minn fost ir-rappreżentanti tal-istudenti fuq is-Senat;
(vii) mhux aktar minn żewġ persuni li għandhom kompetenza u l-esperjenza fil-qasam tal-Profiċjenza tal-Lingwa Ingliża, li jkunu rrikmandati mill-Bord u approvati mis-Senat.

Ir-Reġistratur jew id-delegat tiegħu jservi bħala s-Segretarju tal-Bord.

6. Il-membri kollha tal-Bord, għajr dawk li huma maħtura *ex officio*, iż-żewġ rappreżentanti tal-istaff akkademiku u ż-żewġ rappreżentanti tal-istudenti jinħatru għal perijodu ta' sena, li jista' jiġi mġedded sa erba' snin. Membru li jirtira hu eliġibbli li jerġa' jinħatar.

VERŻJONI ELETTRONIKA

7. Id-dmirijiet tal-Bord ikunu dawn li ġejjin:

(a) li jmexxi l-affarijiet taċ-Ċentru, skont il-provvedimenti ta' dawn l-istatuti u ta' dawk ir-regolamenti, deċiżjonijiet jew direzzjonijiet, kif approvati mill-Kunsill u mis-Senat minn żmien għal żmien;

(b) li jiddeċiedi l-politika taċ-Ċentru, jissorvelja l-attivitajiet u l-amministrazzjoni tiegħu u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità li ssemmiet qabel, il-Bord jista':

(i) japprova *business plans* u l-estimi annwali tad-dħul u l-ħruġ taċ-Ċentru għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill;

(ii) bi qbil bil-miktub mar-Rettur jagħmel ftehim ma' terzi persuni biex jagħtu fondi liċ-Ċentru jew għall-attivitajiet partikulari;

(iii) jippubblika rapport annwali; u

(iv) jirreġistra liċ-Ċentru f'assoċjazzjonijiet jew f'istituzzjonijiet li għandhom l-istess għanijiet u interessi.

Il-Ħatra tad-Direttur u l-i*Staff*

8. Iċ-Ċentru jkollu Direttur u *Staff*:

(a) id-Direttur taċ-Ċentru jinħatar minn fost il-membri tal-istaff akkademiku tad-Dipartiment tal-Ingliż skont il-proċedura għall-ħatra tad-Diretturi tal-Istituti u taċ-Ċentri kif approvata mill-Kunsill tal-Universita', għal perijodu ta' sena, bil-possibilità li l-ħatra tiġġedded kull sena skont kriterji stabiliti ta' ħiliet, il-ħtiġijiet taċ-Ċentru u tal-Università, għal perijodu li ma jeċċedix l-erba' (4) snin; u

(b) l-istaff taċ-Ċentru jinħatar mill-Università skont in-normi stabbiliti.

Id-Dmirijiet tad-Direttur

9. Id-dmirijiet tal-Viċi-*Chairman*/Direttur jinkludu li:

(a) jkollu responsabbiltà ġenerali għat-tmexxija taċ-Ċentru f'termini tal-għanijiet elenkati fl-artikoli 2(a) sa (i) kif imsemmija hawn fuq;

(b) jippromovi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi kurrikulari u ta' riċerka taċ-Ċentru;

(ċ) jiġbor u jissottometti lir-Reġistratur tal-Università sa mhux aktar tard minn Jannar ta' kull sena akkademika, prospektus komprensiv aġġornat bid-deskrizzjoni tal-kontenut tat-taqsimiet-studju kollha kurrenti u dawk proġettati u servizzi offruti maċ-Ċentru kif approvati mill-Bord u skont il-linji-gwida stabbiliti mill-Kumitat għall-Validazzjoni tal-Programmi;

(d) jiżgura li t-taqsimiet-studju offruti mill-membri tal-istaff taċ-Ċentru huma mogħtija skont il-programm tal-istudji kif irreklamat; id-Direttur għandu jiżgura li l-għalliema, li jaqgħu taħt l-awtorità tiegħu, jagħtu l-*lectures*, is-*seminars* u t-*tutorials* kollha kif assenjat lilhom rispettivament, fil-ħin u fil-post kif indikat fuq it-*time-table* uffiċjali, u li kull tibdil ikun reġistrat formalment u li l-istudenti jkunu infurmati fil-ħin;

(e) jiżviluppa u jimplimenta l-pjan strateġiku taċ-Ċentru;

(f) jamministra ċ-Ċentru b'konsultazzjoni sħiħa mal-membri tiegħu; jimmonitorja u japprova talbiet għal *leave of absence* mill-membri taċ-Ċentru. Id-Direttur hu mistenni li jżomm reġistru tal-*leave* kollu tal-membri u jgħaddi, meta mitlub, din l-informazzjoni lid-Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani;

(ġ) jippromovi l-bżonnijiet akkademiċi u personali tal-istudenti, sabiex l-istudenti jingħataw l-aqwa sapport f'każ li jiltaqgħu ma' diffikultajiet matul l-istudji tagħhom relatati mal-attivitajiet taċ-Ċentru;

(h) jimmonitorja t-tmexxija ta' eżamijiet taċ-Ċentru u jiżgura li r-riżultati kollha tal-valutazzjonijiet u tal-eżamijiet, fejn hu applikabbli fil-każi ta' taqsimiet ta' studju formali, jiġu sottomessi fl-Uffiċċju tar-Reġistratur kif ġej:

- is-sessjoni ta' Jannar – sal-aħħar ta' Marzu;
- is-sessjoni ta' Mejju/Ġunju – ir-riżultati tal-Aħħar Sena mhux aktar tard minn jumejn qabel jitlaqqa' l-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-fakultà fejn ikunu rreġistrati l-istudenti, li jsir fl-aħħar sena iżda, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mill-aħħar ta' Lulju; riżultati oħra għandhom jaslu kemm jista' jkun malajr iżda mhux aktar tard mill-aħħar ta' Lulju;
- is-sessjoni ta' Settembru – sal-aħħar ta' Settembru.

(i) jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-kooperazzjoni ma' universitajiet u istituzzjonijiet oħra;

(j) jmexxi laqgħat tal-Bord fl-assenza u bil-permess taċ-*Chairman*;

(k) jiżgura u jiffaċilita l-iżvilupp u t-taħriġ tal-istaff akkademiku u dak mhux akkademiku;

(l) jipparteċipa fi kwalunkwe laqgħa tal-Università li hi marbuta mal-kariga tiegħu;

(m) jirrapreżenta ċ-Ċentru f'funzjonijiet uffiċjali tal-Università;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(n) jikkompila u jissottometti rapport annwali lis-Segretarju tal-Università sal-aħħar ta' Settembru ta' kull sena akkademika. F'dan ir-rapport għandu jingħata tagħrif dwar l-attivitajiet li saru fiċ-Ċentru fis-sena li tkun għaddiet u għandu jinkludi, fost l-oħrajn, informazzjoni li tista' tintalab mis-Segretarju bħal lista komprensiva ta' pubblikazzjonijiet riċenti tal-membri kollha taċ-Ċentru; ġabra fil-qosor tal-proġetti li fihom huma involuti membri taċ-Ċentru, li huma finanzjati kollha jew parzjalment minn barra; lista sħiħa tal-konferenzi/*seminars*/laqgħat li l-membri attendew barra minn Malta, fi żmien it-*term*; u tagħrif ġenerali dwar il-kollaborazzjoni taċ-Ċentru ma' terzi persuni li jinkludu l-industrija lokali, il-Gvern jew is-soċjeta' ċivili in ġenerali;

(o) jikkompila u jissottometti lid-Direttur tal-Finanzi tal-Università mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju ta' kull sena akkademika, l-estimi għall-baġit finanzjarju kif approvat mill-Bord għas-sena li jmiss. Dan ikun jinkludi l-ħtiġijiet dwar riżorsi umani għaċ-Ċentru, li jkopri t- tagħlim, ir-riċerka u x-xogħol amministrattiv proġettat għaċ-Ċentru u bbażat fuq ix-xogħol proġettat ta' kull Akkademiku Residenti taċ-Ċentru u tal-*Visiting Teaching Staff*;

(p) jimmonitorja l-eżekuzzjoni tax-xogħol tal-istaff mhux akkademiku msieħeb maċ-Ċentru;

(q) jawtorizza liċ-Ċentru l-ksib ta' apparat; jiżgura li r-riżorsi assenjati liċ-Ċentru – kemm jekk umani kif ukoll oħrajn - jiġu utilizzati b'mod sħiħ u effiċjenti; u

(r) iwettaq dawk id-dmirijiet oħra li jistgħu jiġu assenjati lilu mill-Università minn żmien għal żmien.

10. Minbarra dan, id-Direttur taċ-Ċentru:

(a) għandu jirrapporta direttament liċ-*Chairman* tal-Bord taċ-Ċentru u għandu jikkollabora mal-uffiċjali amministrattivi anzjani kollha tal-Università;

(b) għandu jkun normalment Akkademiku Residenti impjegat mal-Università fuq bażi *full-time* matul iż-żmien li jokkupa l-ħatra ta' Direttur;

(ċ) m'għandux jimpenja ruħu fi kwalunkwe attivita' barra mill-Università li tista' tkun f'konflitt, jew ittellfu, mid-dmirijiet tiegħu fl-Università;

(d) hu mistenni li jkun preżenti fuq il-kampus jew kwalunkwe sît indikat mill-Università ta' Malta għallinqas fil-ħinijiet normali tal-uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa matul is-sena skont l-esiġenzi tal-akkademiku u inkonformi mal-prattiċi u l-ħtiġijiet tal-Università u bid-dritt għall-*leave* normali u għall-festi pubbliċi kif provdut fil-liġi; jekk in-nuqqas tiegħu hu meħtieġ u ġustifikat, hu għandu jiżgura li wieħed jista' jikkuntattja miegħu permezz tas-segretarjat taċ-Ċentru;

(e) m'għandu jgħaddi l-ebda informazzjoni lil terzi persuni li mhumiex assoċjati mal-Università ta' Malta, dwar kwalunkwe xogħol jew *data* li jkollha x'taqsam ma' xogħlijiet li qegħdin isiru fl-Università ta' Malta mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Università ta' Malta; kull xogħol li jkun qed isir fiċ-Ċentru għandu jsir fid-dawl tal-leġislazzjoni Maltija dwar il-ħarsien tad-*data*; u

(f) għandu jintrabat bl-istatuti, bir-regolamenti u bil-politika tal-Università ta' Malta, li huma fis-seħħ jew li jsiru effettivi fi żmien il-ħatra tiegħu.

11. Iċ-Ċentru jkollu Staff Akkademiku appuntat mill-Kunsill tal-Università biex jipparteċipa b'mod sħiħ fit-tagħlim, fir-riċerka u f'attivitajiet oħra taċ-Ċentru. Skont il-politika, il-linji gwida u r-regolamenti tal-Università dwar l-affiljazzjoni dipartimentali tal-istaff akkademiku fi ħdan l-Istituti u ċ-Ċentri, staff impjegat maċ-Ċentru jkollu sħubija mad-Dipartiment tal-Ingliż. Il-membri taċ-Ċentru jistgħu jiġu assenjati wkoll dmirijiet konnessi ma' programmi tad-Dipartiment li jwasslu għal rikonoxximenti sal-Ewwel Grad u għal rikonoxximenti ta' wara l-Ewwel Grad b'rilevanza ċara mal-Proficjenza fil-Lingwa Ingliża.

It-Teżorier

12. Id-Direttur tal-Finanzi tal-Università jkun it-Teżorier taċ-Ċentru.